# Maestro Carmelo Pace

"Imma din il-mużika sabiħa possibbli ktibtha jien?"

(Il-kompożitur lill-mużikologu JosephVella Bondin)

minn Chris Buttigieg

B.A. (Gen.), P.G.C.E., P.G.D.E.A.M.

## Profil tal-kompożitur

Flimkien ma' Charles Camilleri u Joseph Vella, Carmelo Pace hu meqjus bħala wieħed mill-kompożituri li ddominaw ix-xena mużikali Maltija fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Din is-sena taħbat il-mitt sena minn twelidu. Twieled il-Belt Valletta fis-17 t'Awissu 1906, u ngħata l-ewwel edukazzjoni fit-teorija u l-vjolin mingħand Vincenzo Ciappara, hu ommu. Aktar tard kompla jitħarreġ f'oqsma differenti tal-mużika, bħall-kompożizzjoni u l-armonija. Taħriġ bħal dan għenu jimmatura f'kompożitur prolifiku b'għadd ġmielu ta' kompożizzjonijiet. Ma nistgħux ma nsemmux il-fatt li Pace kien imfittex ħafna bħala għalliem. Kellu karriera twila fit-tagħlim tal-mużika, u Vella Bondin jgħid li Pace "għallem eluf ta' studenti li xi wħud minnhom issa huma għalliema, kompożituri, surmastrijiet ta' baned jew ta' knejjes...B'hekk sar wieħed mill-għalliema l-aktar kariżmatiċi fl-istorja tal-mużika f'Malta." (p.177)



*Mro. Carmelo Pace (1906 – 1993)*
© *The Times*, March 15, 2006

Ta' l-istess fehma hu l-Kanonku Ġwann Azzopardi. Fid-daħla għall-ktejjeb li jfakkar l-attività li kienet saret fit-23 ta' Ġunju 1986 f'għeluq it-tmenin sena mit-twelid tal-kompożitur, Azzopardi jistqarr li l-kontribut ta' Pace lejn il-wirt mużikali ta' pajjiżna huwa kbir. Azzopardi jirreferi wkoll għall-karatteristiċi partikolari ta' Pace, bħall-umiltà u l-ħerqa tiegħu li jgħin lil min xtaq jitgħallem, b'mod speċjali 'l-ġenerazzjoni żagħżugħa. Min kien jafu mill-qrib jikkonferma dan. Vella Bondin jirreferi għall-manjieri ħelwa kif ukoll għar-rieda qawwija fejn tidħol il-professjonalità tiegħu. (p.184)

## Ix-Xogħlijiet ta' Pace

Carmelo Pace (li miet fl-20 ta' Mejju 1993) ħalla warajh numru ta' xogħlijiet li huma wirt kbir għal pajjiżna. Fil-biċċa l-kbira tiegħu, dan il-wirt (li jlaħħaq il-ħames mija) jikkonsisti f'mużika sagra, madankollu kiteb ukoll xi opri u mużika klassika. Fost l-opri tiegħu nsibu *I Martri* (1967), li xi kritiċi jqisuha bħala l-aqwa xogħol operistiku tiegħu. Insibu wkoll *Five Variations on an Old Welsh Tune* (1970) għall-orkestra, u *Stabat Mater*, biċċa xogħol vokali li nkitbet fl-1982. Huwa fatt interessanti li din il-partitura kienet ippreżentata lill-Papa Ġwanni Pawlu II fis-7 t'Awissu 1985. Ma jonqosx ukoll ix-xogħol voluminuż tiegħu *Musica Da Camera* li permezz tiegħu rebaħ premjijiet ewlenin lokali u internazzjonali.

## Il-*Fantasia Maltesina*

L-istudju tal-mużika tradizzjonali ta' pajjiżna wassal lil Pace biex jesperimenta wkoll b'melodiji folkloristiċi, kif insibu fil-*Fantasia Maltesina*, xogħol li tlesta fl-1931. Hemm żewġ verżjonijiet ta' din il-*Fantasia*. Waħda minnhom miktuba għall-orkestra, u verżjoni oħra għall-banda. Indaqqet għall-ewwel darba fl-1931 fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt, mill-banda *Scottish Highland Fusiliers, Light Infantry*. Skond DeGabriele u Caffari, kienet tindaqq mill-Banda Nazzjonali, mill-banda *L-'Isle Adam* tar-Rabat, mill-banda Żejtun kif ukoll minn għadd ta' baned oħra lokali. (p.393) Ma' din il-lista din is-sena se tiżdied il-banda *Lourdes* tal-Qrendi li, kif xieraq, għażlet dan ix-xogħol ta' Pace sabiex tfakkar il-mitt sena minn twelidu. Il-*Fantasia* hi twila madwar tmien minuti.

## Il-kritiċi dwar Pace

Fuq il-qoxra ta' wara tal-ktejjeb li rreferejt għalih



**Il-bust ta' Mro. Carmelo Pace li jinsab fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina**
*© Vella Bondin, 2000*



**Paġna mill-partitura *Fantasia Maltesina***
***© DeGabriele u Caffari, 1991***

aktar qabel, wieħed jista' jsib numru ta' referenzi dwar Pace li minn żmien għal żmien dehru f'gazzetti lokali. Fost dawn ta' min isemmi l-ħarġa tas-*Sunday Times of Malta* tat-22 t'Ottubru, 1967: "L-opera *I Martri* tikkonferma...il-livell għoli ta' teknika f'Pace, il-kreattività sinjura fejn tidħol il-melodija, il-kapaċità tiegħu li jnissel emozzjonijiet profondi fl-udjenza tiegħu."

Kummenti oħra jistgħu jitqiesu bħala sinteżi ta' dak li għedna dwar dan il-kompożitur influwenti: "Carmelo Pace... ikkontibwixxa bis-sħiħ fil-ħajja mużikali Maltija...Ma fittex xejn għajr l-imħabba lejn xogħlu (*The Sunday Times* 20.10.85).

Il-kritiku Albert G. Storace, f'evalwazzjoni ta' attività mużikali li saret fil-Kavallier ta' San Ġakbu lejn l-aħħar t'April ta' din is-sena f'ġieħ Carmelo Pace, jesprimi d-diżappunt tiegħu għall-attendenza fqira li kien hemm. Atteġġjament bħal dan jittimbrah bħala "indifferenza ta' ħafna li suppost jafu aktar minn hekk." (*The Sunday Times* 30.04.2006). Storace jiġbed l-attenzjoni li ma teżisti l-ebda triq imsemmija għal dan il-kompożitur Malti li ħalla warajh wirt kbir mużikali.

**Referenzi**

DeGabriele, M. u Caffari, G., *Carmelo Pace: A Maltese Composer – Thematic, Annotated and Illustrated Catalogue of Works*, P.E.G. Ltd., 1991.

*Exhibition of the Works and Career of Carmelo Pace on his 80th Birthday at the Cathedral Museum of Mdina on Monday 23rd June 1986, preceded by a vocal concert at the Cathedral Church of Mdina at 7pm.*

Storace, A.G., "Homage to Carmelo Pace", f'*The Sunday Times, April 30, 2006.*

Vella Bondin, J., *Il-Mużika f'Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, PIN, 2000.

*Sar wieħed mill-għalliema l-aktar kariżmatiċi fl-istorja tal-mużika f'Malta.*

VIPER Garage

**SPRAY PAINTING • PANEL BEATING**

**6, SEJBA ROAD, MQABBA TEL: 2168 9765 MOB: 9942 0835**

**PROP.: IVAN BALZAN**